MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 307/2003

**Rook Construction Limited**

**vs**

**Direttur tad-Departiment tat-Toroq u l-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku, Direttur Generali tax-xogholijiet, Direttur tal-Kuntratti, Accountant General u b`digriet tal-Qorti tat-2 ta` Mejju, 2003 giet awtorizzata korrezzjoni fl-okkju u wara l-kliem ‘Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq’ ghandhom jizdiedu l-kliem ‘u l-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku’ li ssubentrat fl-obbligi tal-istess Direttur**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici fis-26 ta` Marzu, 2003, li in forza taghha, wara li ppremettiet illi:

Il-konvenuti jew min minnhom huma debituri tas-socjeta` attrici fl-ammont ta` hames mija u disgha u sebghin elf sitt mija wiehed u sittin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm579,661.15) rapprezentanti l-imghaxijiet legali akkumulati fuq l-ammont ta` miljun, hames mija, hamsa u ghoxrin elf, disa` mija, wiehed u erbghin liri Maltin Lm1,525,941, mid-data ta` l-ittra ufficjali interpellatorja u cioe` t-tlieta (3) ta` Gunju, elf disa` mija tmienja u disghin (1998), sas-sebgha (7) ta` Awissu, elfejn u tnejn (2002), id-data meta dan l-ammont effettivament thallas lis-socjeta` attrici u liema ammont kien jirraprezenta hlas ghax-xogholijiet fuq il-Multi – Level Intersection f`tal-Qroqq, l-Imsida, delegati mill-konvenuti jew minnhom;

Avolja interpellati biex ihallsu dan l-ammont, l-konvenuti jew min minnhom baqghu inadempjenti u ma hallsu xejn;

Jezisti l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, peress li d-dejn huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta` attrici l-konvenuti jew minnhom m`ghandhomx eccezzjonijiet x`jaghtu ghat-talba ta` l-istess socjeta` attrici;

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

(1) tiddeciedi l-kawza skond it-talba, bid-dispensa tas-smiegh;

(2) tiddikjara illi l-konvenuti jew min minnhom huma debituri tas-socjeta` attrici fl-ammont ta` hames mija u disgha u sebghin elf sitt mija wiehed u sittin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm579,661.15) rapprezentanti l-imghaxijiet legali akkumulati fuq l-ammont ta` miljun, hames mija hamsa u ghoxrin elf, disa` mija wiehed u erbghin liri Maltin Lm1,525,941, mid-data ta` l-ittra ufficcjali interpellatorja u cioe` t-tlieta (3) ta` Gunju, elf disa` mija tmienja u disghin (1998), sas-sebgha (7) ta` Awissu, elfejn u tnejn (2002), id-data meta dan l-ammont effettivament thallas lis-socjeta` attrici u liema ammont kien jirraprezenta hlas ghax-xogholijiet fuq il-Multi-Level

Intersection f`tal-Qroqq, l-Imsida, delegati mill-konvenuti jew minnhom;

(3) tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta` hames mija u disgha u sebghin elf sitt mija wiehed u sittin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm579,661.15) rapprezentanti l-imghaxijiet legali akkumulati fuq l-ammont ta` miljun, hames mija hamsa u ghoxrin elf, disa` mija wiehed u erbghin liri Maltin (Lm1,525.941), mid-data ta` l-ittra ufficjali interpellatorja u cioe` t-tlieta (3) ta` Gunju, elf disa mija tmienja u disghin (1998), sas-sebgha (7) ta` Awissu, elfejn u tnejn (2002), id-data meta dan l-ammont effettivament thallas lis-socjeta` attrici u liema ammont kien jirraprezenta hlas ghax-xogholijiet fuq il-Multi – Level Intersection f`tal-Qroqq, l-Imsida, delegati mill-konvenuti jew minnhom;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata Novembru, 2002, u bl-interessi legali kontra l-konvenuti jew min minnhom li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tat-2 ta` Mejju, 2003, li in forza tieghu, wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet, akkordat lill-konvenuti l-fakolta` li jikkontestaw din il-kawza, u pprefeggitilhom terminu ta` ghoxrin jum biex jipprezentaw in-nota tal-eccezzjonijiet;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

1. Preliminarjament l-inapplikabilita` u l-irregolarita` tat-talba tas-socjeta` attrici fil-konfront ta` l-eccipjenti u dan a tenur ta` l-Artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) stante illi l-pretensjoni tas-socjeta` attrici mhix certa, likwida u dovuta, kif ser jirrizulta fis-smiegh tal-kawza;

2. In oltre, minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talba attrici ghall-pagament ta` l-imghaxijiet hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, stante, illi l-ammont in kwistjoni ma kienx facilment determinabbli stante kif jirrizulta miz-zewg ittri ufficjali ta` l-istess socjeta` attrici hemm

diskrepanza bejn l-ammont mitlub fl-ittra ufficjali datata 3 ta` Gunju, 1998 u fl-ammont indikat fl-ittra ufficjali datata 7 ta` Novembru, 2002;

3. Preliminarjament ukoll, il-konvenuti Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq, Direttur Generali tax-Xogholijiet, Direttur tal-Kuntratti u l-Accountant Generali ma humiex il-legittimi kontradittturi ghall-allegazzjonijiet migjuba kontra taghhom ghas-segwenti ragunijiet;

a) Il-konvenut id-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq ma ghadux jezisti bhala tali izda gie sostitwit b`Direttorat li jaqa` taht il-mansjoni tal-Awtorita` tat-Transport Pubbliku u ghalhekk ic-citazzjoni fil-konfront ta` l-eccipjent ma ghandha l-ebda effett;

b) Kwantu ghall-konvenut id-Direttur Generali tax-Xogholijiet, ma teziti ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta` attrici u l-istess Direttur Generali tax-Xogholijiet, stante illi l-kuntratt ta` appalt ma sarx ma` l-imsemmi Direttur Generali tax-Xogholijiet;

c) Kwantu ghall-konvenut Accountant General, ma rcieva ebda struzzjonijiet minghand id-Dipartiment li f`ismu nharget l-offerta biex jaffetwa pagamenti versu s-socjeta` attrici;

d) Finalment, kwantu ghall-konvenut Direttur Generali tal-Kuntratti, l-allegat hlasijiet ma jaqawx taht il-mansjoni tieghu stante illi r-rwol tieghu huwa limitat ghal dak li johrog mill-*Public Service (Procurement) Regulations* (L.N. 70 ta` l-1996).

4. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, hlasijiet rigward il-kuntratt li s-socjeta` attrici assumiet ghall-esekuzzjoni ta` xogholijiet fuq il-*multi-level intersection* f`Tal-Qroqq, l-Imsida saru kollha *in full and final settlement;*

5. Finalment u minghajr pregudizzju ghas-suespost, rigward l-allegat dewmien fil-hlas irid jinghad, illi l-ammont dovut lis-socjeta` attrici ma kienx wiehed facilment

determinabbli stante li kien jehtieg isiru verifiki ta` kejl fost ohrajn u varjazzjonijiet estensivi mill-kuntratt originali u ghaldaqstant id-dewmien mill-hlas ma huwiex imputabbli lill-konvenuti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tat-2 ta` Mejju, 2003 li in forza tieghu inghatat korrezzjoni fic-citazzjoni sabiex fl-okkju tal-konvenut wara l-kliem *"Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq"* jizdiedu l-kliem *"u l-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku li ssubentrat fl-obbligi ta` l-istess Direttur"*;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Awtorita` dwar it-Trasport ta` Malta, li in forza taghha eccepiet illi:

1. Preliminarjament, l-Awtorita` dwar it-Trasport ta` Malta mhijiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici stante illi tali talbiet joriginaw minn kuntratt bejn is-socjeta` attrici u d-Dipartiment tal-Kuntratti.

2. Minghajr pregudizzjoni ghas-suespost, it-talba attrici ghall-pagament ta` l-imghaxijiet hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, stante illi l-ammont dovut lis-socjeta` attrici ma kienx wiehed facilment determinabbli minhabba li kien jehtieg illi jsiru verifiki ta` kejl fost l-ohrajn u varjazzjonijiet estensivi mill-kuntratt originali u ghaldaqstant id-dewmien fil-hlas kien inevitabbli u mhuwiex imputabbli lill-eccepjenti jew il-prekursuri taghha.

3. Wara tahdidiet twal, li fihom saru il-kalkoli mehtiega, intlehaq ftehim dwar l-ammont dovut, liema ammot gie mhallas lis-socjeta` attrici *in full and final settlement*.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi s-socjeta` attrici giet inkarigata mill-Gvern biex twettaq progett ta` toroq u *multi-level intersection* fl-area ta` Tal-Qroqq, l-Msida. Il-kuntratt inghata fl-1995 u x-xoghol gie kompletat lejn l-ahhar kwart tas-sena 1996. Il-kuntratt kien wiehed *lump sum*, fis-sens li giet miftiehma minn qabel il-hlas li kellu jsir lis-socjeta` attrici ghall-esekuzzjoni tal-kuntratt. Irrizulta, pero`, li l-kuntratt gie ezegwit b`hafna varjazzjonijiet fuq dak pjanat, b`mod li zdied konsiderevolment ix-xoghol li kellha twettaq is-socjeta` attrici. Ix-xoghol extra kien kollu rikjest jew approvat mill-awtoritajiet kompetenti, u meta tlesta x-xoghol, is-socjeta` attrici talbet hlas zejda ghax-xoghol extra li wettqet. Ma kien hemm ebda kwistjoni dwar il-kwalita` tax-xoghol, u lanqas li xi hlas extra kellu jsir, izda kien hemm nuqqas ta` qbil dwar kemm kellu jinghata flus aktar u kif l-ammont kellu jigi kkalkulat. Il-*lump sum* li kien gie pattwit mal-ghoti tal-kuntratt, fil-fatt, thallas ftit wara li l-progett gie kompletat, u l-kwistjoni bejn il-partijiet kienet tolqot ix-xoghol extra li sar u l-valur tal-istess.

It-talba ghax-xoghol extra li sar fuq il-progett giet presentata mis-socjeta` attrici lid-Dipartiment tat-Toroq (illum l-Awtorita` tat-Trasport ta` Malta) u lid-Dipartiment tal-Kuntratti u dan, ghal bidu, b`mod verbali. Id-dipartiment tal-kuntratti ma setax jidhol fil-kwistjoni qabel ma jircievi konferma ufficcjali mid-Dipartiment tat-Toroq li, fil-fatt, sar xoghol extra. Peress li d-Dipartiment tat-Toroq dam ma ivverifika t-talba tas-socjeta` attrici, fl-10 ta` Novembru, tal-1999, tlett snin wara li tlesta x-xoghol, is-socjeta` attrici kitbet formalment lid-dipartiment koncernati

fejn tablet il-hlas tax-xoghol extra li kien sar. Qabel din l-ittra, is-socjeta` attrici kienet baghatet ittra ufficcjali fit-3 ta` Gunju, 1998, fejn tablet somma determinata, precizament, is-somma ta` Lm1,640,202, oltre l-interessi, bhala hlas tal-*variations* li saru fuq il-progett. Wara din l-Ittra Ufficcjali xorta wahda ma kien hemm ebda caqliq u dan peress li d-Dipartiment tat-Toroq kellu dubji dwar kemm ix-xoghol extra li sar kienu varjazzjonijiet li kienu jimmeritaw dak il-hlas mitlub.

Wara l-ittra ta` Novembru, 1999, id-Direttur tal-Kuntratti ddecida li jaghmel xi haga fuq dan il-kaz u rreferi l-kwistjoni lil Kumitat tad-Dipartiment tal-Kuntratti. Il-Kumitat iddecieda li l-kaz kien gravi bizzejjed li fiha kellu jaghmel xi haga. Id-Direttur gie inkarigat sabiex, b`koordinazzjoni mal-Ministru tal-Finanzi, johloq Bord biex jezamina l-pretenzjoni tas-socjeta` attrici. Dan kien Bord Dipartimentali li kien compost minn zewg membri mid-Dipartiment tal-Finanzi u iehor mill-Awtorita` tat-Trasport. Ir-rapport ta` dan il-Bord ghadda f`idejn iz-zewg dipartimenti imsemmija, u d-dipartiment tat-Trasport hejja Memorandum li gie sottomess lill-Kabinett tal-Ministri tal-Gvern.

Il-Kabinet ordna lid-Direttur tal-Kuntratti johloq sotto-kumitat biex jezamina t-talba tas-socjeta` attrici u jara jekk is-somma mitluba hijiex gustifikata jew le. F`dan il-mument, ittiehdet decizjoni li xi hlas kellu jinghata tant li l-brief tas-sotto-kumitat ma kienx biex jara jekk ix-xoghol extra sarx, lanqas biex jivverifika l-kejl tax-xoghol extra (li kien gia sar mill-ufficcjali tas-socjeta` attrici u kellu jittiehed kif inhu), izda biex jivverifika l-pretenzjoni tas-socjeta` attrici u r-rati li fuqhom hija kienet hadmet l-istess pretenzjoni. Dan is-sotto-kumitat kien gie appuntat f`Mejju tal-2001 u kien kompost minn tlett periti, cioe`, l-periti Maurice Galea, Joe Borg Grech u Joe Mizzi.

Dan is-sotto-kumitat lesta r-rapport tieghu lejn l-ahhar tas-sena 2001, u ghaddieh lid-Dipartiment tal-Kuntratti, li ppubblika r-rapport finali tieghu fil-bidu tas-sena 2002, precizament fit-8 ta` Jannar, 2002.

F`dan ir-rapport, is-sotto-kumitat, wara li vverifika l-kontijiet u r-rati, ippropona zewg alternattivi ta` kif kellu jsir il-hlas. Scenario A, dik mixtieqa mis-socjeta` attrici, kienet tikkontempla hlas a bazi tal-kejl tax-xoghol kollu li sar, billi jintessa l-*lump sum contract* u l-kejl issir mill-gdid tax-xoghol kollu (dan is-Scenario kien propost mis-socjeta` attrici peress li qieset li l-progett kif sar tant kien differenti minn dak pjanat li kollox kellu jigi mkejjel mill-gdid); dan is-Scenario kien jikkontempla hlas ta` Lm3,233,357. Scenario B, kien iqies li jiehu bhala bazi l-*lump sum contract* u jsir hlas extra ghall-varjazzjonijiet; dan is-Scenario kien jikkontempla hlas ta Lm2,732,283.

Dan ir-rapport rega ghadda ghand il-Kabinett tal-Ministri u dan wara korrispondenza bejn it-Tezor u d-Dipartiment tal-Kuntratti. F`Mejju tal-2002, il-Kabinett iddecieda fuq Scenario A, jigifieri li l-hlas issir *as a measured contract*, u awtorizza l-hlas basta li dan ikun wiehed finali jigifieri *in full and final settlement*. Wara li l-Kabinett approva dan il-hlas, id-Direttur tal-Kuntratti, baghad javza lid-Direttur tat-Toroq *"to proceed to effect payment as approved by Cabinet"*; b`minuta tad-29 ta` Mejju, 2002, id-Direttur tat-Toroq gharraf lid-Direttur tal-Kuntratti li hu kien se jiehu azzjoni *"as instructed"*. Wara li tqiesu pagamenti precedenti li kienu saru *on account*, l-ahhar hlas ta` Lm1,525,941 sar fis-7 ta` Awissu, 2002.

Originarjament, il-*lump sum* skond il-kuntratt kien ta` Lm1,588,241, u meta tlesta l-progett, saru diversi pagamenti ammontanti ghal Lm1,707,417. Wara li l-Kabinett approva li l-valur tal-kuntratt (Scenario A), kellu jkun ta` Lm3,233,359, fis-7 ta` Awissu, 2002, sar il-pagament tal-bilanc kif indikat.

Is-socjeta` attrici taqbel ma dan kollu, izda qed titlob hlas tal-imghax fuq is-somma ta` Lm1,525,941 mit-3 ta` Gunju, 1998, data tal-Ittra Ufficcjali interpellatorja, sad-data tal-pagment, cioe`, sas-7 ta` Awissu, 2002. Dan qed taghmlu peress li qed issostni li sofriet danni meta l-awtoritajiet Governattivi damu sakemm iddeciedu li jhallsu dak li sostanzjalment kienu talbu fl-imsemmija Ittra Ufficcjali.

Il-konvenuti jsostnu li t-talba attrici hija infondata u dana peress li l-hlas tas-7 ta` Awissu, 2002, sar *"in full and final settlement"*. Fuq din is-sottomissjoni jinghad illi f`kaz li hlas effettivament issir ghas-saldu u jigi hekk accettat, ma jkun hemm ebda dubju li talba ulterjuri ghal hlas tal-imghax ma tkunx tista` treggi, u dana fuq l-iskorta tal-gurisprudenza lokali, fosthom "Aquilina vs Mamo noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-19 ta` Novembru, 2001, "Apap vs Gasan et noe", deciza mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fis-26 ta` Novembru, 1986, u "Bonello noe vs Sammut", deciza minn din il-Qorti fis-6 ta` Gunju, 1997.

F`dan il-kaz, jirrizulta zgur li l-hsieb tal-Gven kien li l-hlas li approva skond Scenario A kellu jkun wiehed finali. Dan jirrizulta car mill-minuta tas-Segretarju Permanenti tal-Kabinett datata 25 ta` Mejju, 2002, li tinsisti li l-hlas kellu jkun *in full and final settlement*. Jirrizulta wkoll li meta sar il-hlas fis-7 ta` Awissu, 2002, ma giet marbuta ebda kundizzjoni maghha; il-hlas gie offrut permezz ta` *payment vouchers* soliti mahruga mill-Gvern u fihom imkien ma jinghad li l-hlas offrut kien qed isir ghas-saldu ta` kull pretenzjoni tal-kuntrattur.

Dan premess ma jistax jinghad li s-socjeta` attrici ma kienetx taf li l-hlas kien qed isir *in full and final settlement*. F`laqgha li saret fl-ufficcju tad-Direttur tal-Kuntratti, certu Carmelo Vella li kien qed jattendi l-laqgha ghan-nom tas-socjeta` attrici, staqsa x`kien se jigri bl-imghaxijiet. F`din il-laqgha, id-Direttur tal-Kuntratti kien informa lis-socjeta` attrici bir-rizultanzi tas-sotto-kumitat mahtur fuq struzzjonijiet tal-kabinett, u cioe`, li s-sotto-kumitat kien hareg b`zewg scenarios li kellhom jigu sottomessi ghall-konsiderazzjoni tal-Gvern. Kien hawn li s-Sur Vella staqsa fuq l-imghaxijiet. Ir-risposta tad-Direttur tal-Kuntratti kienet wahda cara. Hu qal li wiegeb hekk: *"Jiena ghamiltha cara illi l-imghaxijiet il-Gvern ma kienx se jhallas ghax ma kienetx il-policy tal-Gvern li jhallas l-imghaxijiet. U jekk se nirrakomandaw xi hlas dan kellu jsir in full and final settlement"*. Minn dan isegwi, li s-socjeta` attrici kienet infurmata li kull hlas li jsir kien isir *in full and final settlement*, u kwindi meta fis-7 ta` Awissu, 2002, irceviet

il-hlas ta` Lm1,525,941, kellha tapprezza, ghax hekk giet infurmata mill-qabel, li l-hlas sar *in full and final settlement*. F`dik il-laqgha, hu veru, ma gie konkluz xejn u ghall-istqarrija li ghamel id-Direttur tal-Kuntratti, *"tal-konsorzju la qallu iva u le u hargu"*; pero`, gew avvzati b`mod car li jekk u meta jsir hlas, dan ikun *in full and final settlement.* Meta wasal ic-*cheque* ghand is-socjeta` attrici, dina sarfietu bla riservi, u dan avolja kienet taf jew messa kienet taf li l-hlas kien qed issir *in full and final settlement*. Darba hu hekk, skond il-gurisprudenza nostrali, mhux lecitu ghall-kreditur li jitlob hlas ta` xi pagamenti ulterjuri.

Barra minn dan, ix-xhud Salvu Gauci ukoll indika li fid-diskussjonijiet li kellu b`mod informali ma` dirigenti tas-socjeta` attrici, kienet tidher cara l-option li jew ma jinghataw xejn aktar jew jinghataw somma ohra ghax-xoghol imkejjel, u ma sar ebda diskors dwar imghax fuq is-somma li tinghata. Inoltre, meta sar qbil fuq li kellu jsir hlas ulterjuri, is-socjeta` attrici harget *invoice* ghall-hlas, u f`din l-invoice ma saret ebda talba jew riserva ghall-imghax; giet indikata somma b`riserva ghall-VAT, li gie kkalkulat f`parti ohra tal-invoice, izda fit-talba ghall-hlas ma saret ebda pretenzjoni jew rizerva ghall-imghax. Meta l-Ministru tal-Finanzi approva l-hlas, hareg ittra mid-data tat-18 ta` Lulju, 2002, li fiha kiteb lid-Dipartiment tat-Toroq w indika t-talba tas-socjeta` attrici bhal li dik it-talba kienet ghall-*"the amount due to them as final payment (Lm1,525,941) plus Lm228,891 as VAT 1994 in full and final settlement"*. Ghalkemm din l-ittra tista` titqies bhal interpretazzjoni unilaterali mill-Gvern tal-kont mibghut mis-socjeta` attrici, kopja tal-ittra intbaghat lis-socjeta` attrici u din ma resqet ebda ilment jew ikkumentat dwarha. Dan kollu jkompli jikkonferma li, fil-fehma tal-Qorti, is-socjeta` attrici kienet taf li l-hlas li kienet se tircievi kien *final payment*, u, ghalhekk, darba li accettatu ma tistax issa titlob hlas ulterjuri ta` imghax.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza, billi b`akkoljiment tat-tielet eccezzjoni tal-konvenut Awtorita` dwar it-Trasport ta` Malta u tar-raba` eccezzjoni

tal-konvenuti l-ohra, tghaddi biex tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kollha kontra taghha.

IMHALLEF

DEP/REG

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------